

Brussell, 5 ta' Settembru 2025  
(OR. en)

12489/25

CES 47

**NOTA PUNT "I/A"**

---

|          |                                                                                                                                                                     |
|----------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                    |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                       |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2025 sal-20 ta' Settembru 2030<br>- Adozzjoni |

---

1. Il-mandat attwali tal-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jiskadi fl-20 ta' Settembru 2025<sup>1</sup>.
2. Skont l-Artikolu 302 TFUE, il-Kunsill jadotta l-lista tal-membri mfassla skont il-proposti magħmula minn kull wieħed mill-Istati Membri wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.
3. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni, u skont il-proċedura li tinsab fid-dokument 14673/24, l-Istati Membri ppreżentaw proposti<sup>2</sup> għal kandidati għall-ħatra bħala membri fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2025 sal-20 ta' Settembru 2030.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1392 tat-2 ta' Ottubru 2020 li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025, u li tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2020 sal-20 ta' Settembru 2025 adottata fit-18 ta' Settembru 2020 (ĠU L 322, 5.10.2020, p. 1).

<sup>2</sup> 8044/25 + REV 1, 8719/25, 8720/25, 8915/25, 8919/25, 8923/25, 8957/25, 8958/25, 8988/25, 8990/25 + REV 1, 8992/25, 9199/25, 9223/25, 9231/25, 9442/25, 9453/25, 9562/25, 9686/25, 9698/25, 9722/25, 9726/25, 10117/25, 10162/25

4. Il-Kunsill ikkonsulta lill-Kummissjoni dwar il-proposti ppreżentati mill-Istati Membri qabel l-10 ta' Ġunju 2025.
5. Fid-29 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni adottat l-opinjoni favorevoli tagħha dwar 249 mill-266 membru propost. Fir-rigward tas-17-il membru propost li jifdal, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali mill-Kunsill u l-opinjoni tagħha dwar dawk il-proposti għadha pendent.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-21 ta' Settembru 2025 sal-20 ta' Settembru 2030, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokument 12272/25, u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" flaqgħa li jmiss.
7. Il-ħatra tal-membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew bid-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 12272/25 ser tiġi segwita f'data aktar tard bil-ħatra ta' membri oħra, li fir-rigward tagħhom il-proposti għall-ħatra ma ġewx ikkomunikati lill-Kunsill mill-Istati Membri qabel l-10 ta' Ġunju 2025 jew li kienu soġġetti għal talba addizzjonali għal informazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill.